

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesgerichtshof (il-Ġermanja) fl-14 ta' Diċembru 2018 – ratiopharm GmbH vs Novartis Consumer Health GmbH

(Kawża C-786/18)

(2019/C 112/28)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Bundesgerichtshof

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti fi "Proċedura ta' Reviżjoni": ratiopharm GmbH

Konvenuta fi "Proċedura ta' Reviżjoni": Novartis Consumer Health GmbH

Domandi preliminari

- 1) L-Artikolu 96(1) tad-Direttiva 2001/83/KE ⁽¹⁾ għandu jiġi interpretat fis-sens li l-impriżi farmaċewtiċi għandhom id-dritt li jqassmu mingħajr hłas prodotti mediċinali lesti lill-ispiżjara wkoll meta l-imbaggġi ta' dawn il-prodotti mediċinali jimmarkaw "għal skopijiet ta' dimostrazzjoni", meta dawn tal-aħħar iservu sabiex l-ispiżjar jittestja l-prodott mediċinali, ma jeżistix riskju li dawn jitqassmu mill-ġdid (mingħajr ma jkunu nfetħu) lil konsumaturi finali u l-kundizzjonijiet oħra ta' distribuzzjoni stabbiliti fl-Artikolu 96(1)(a) sa (d) u (f) sa (g) ta' din id-direttiva huma ssodisfatti?
- 2) Fl-ipoteżi fejn ir-risposta għall-ewwel domanda tkun fl-affermattiv, l-Artikolu 96(2) tad-Direttiva 2001/83/KE jawtorizza dispożizzjoni nazzjonali bħal dik prevista fl-Artikolu 47(3) tal-Gesetz über den Verkehr mit Arzneimitteln (il-Liġi dwar il-Kummerċ tal-Prodotti Mediċinali, iktar 'il quddiem l-"AMG"), jekk din tiġi interpretata fis-sens li l-impriżi farmaċewtiċi ma għandhomx id-dritt li jqassmu mingħajr hłas prodotti mediċinali lesti lill-ispiżjara, meta l-imbaggġi ta' dawn il-prodotti mediċinali jimmarkaw "għal skopijiet ta' dimostrazzjoni", meta dawn tal-aħħar iservu sabiex l-ispiżjar jittestja l-prodott mediċinali, ma jeżistix riskju li dawn jitqassmu mill-ġdid (mingħajr ma jkunu nfetħu) lil konsumaturi finali u l-kundizzjonijiet l-oħra ta' distribuzzjoni stabbiliti fl-Artikolu 96(1)(a) sa (d) u (f) sa (g) ta' din id-direttiva kif ukoll fl-Artikolu 47(4) tal-AMG huma ssodisfatti?

⁽¹⁾ Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 27, p. 69), kif emendata fl-aħħar lok bir-Regolament (UE) 2017/745 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2017 dwar apparati mediċi, li jemenda d-Direttiva 2001/83/KE, ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 u r-Regolament (KE) Nru 1223/2009 u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 90/385/KEE u 93/42/KEE (ĠU 2017, L 117, p. 1).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Commissione tributaria provinciale di Parma (l-Italja) fl-14 ta' Diċembru 2018 – Stanleyparma Sas, Stanleybet Malta Ltd vs Agenzia delle Dogane e dei Monopoli UM Emilia Romagna – SOT Parma

(Kawża C-788/18)

(2019/C 112/29)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Commissione tributaria provinciale di Parma

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Stanleyparma Sas, Stanleybet Malta Ltd

Konvenuta: Agenzia delle Dogane e dei Monopoli UM Emilia Romagna – SOT Parma

Domandi preliminari

- 1) L-Artikoli 56, 57 u 52 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-qasam tas-servizzi tal-logħob u tal-imħatri u, b'mod partikolari, is-sentenzi Gambelli (Kawża C-243/01), Placanica (C-338/04), Costa u Cifone (Kawżi magħquda C-72/10 u C-77/10), u Laezza (C-375/14), u fil-qasam tad-diskriminazzjoni fiskali, b'mod partikolari, is-sentenzi Lindman (C-42/02), Il-Kummissjoni vs Spanja (C-153/08) u Blanco u Fabretti (Kawżi magħquda C-344/13 u C-367/13), u l-prinċipji ta' ugw'aljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni previsti fid-dritt tal-Unjoni, anki fid-dawl tas-sentenza tal-Corte Costituzionale (il-Qorti Kostituzzjonali, l-Italja) tat-23 ta' Jannar 2018, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik Taljana inkwistjoni, li tipprevedi li l-intermedjarji nazzjonali li jittrażmettu data ta' logħob fisem operaturi ta' mħatri stabbiliti fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea li għandhom, b'mod partikolari, il-karatteristiċi tal-kumpannija Stanleybet Malta Ltd, u sussidjarjament, tal-istess operaturi ta' mħatri *in solidum* mal-intermedjarji nazzjonali tagħhom għandhom ikunu suġġetti għat-Taxxa Unika fuq l-Imħatri u fuq il-Kompetizzjonijiet ta' Tbasir prevista fl-Artikoli 1 sa 3 tad-Digriet Leġiżlattiv tat-23 ta' Diċembru 1998 Nru 504, kif emendati bl-Artikolu 1(66) (b) tal-Liġi Finanzjarja tal-2011.
- 2) L-Artikoli 56, 57 u 52 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-qasam tas-servizzi tal-logħob u tal-imħatri u, b'mod partikolari, is-sentenzi Gambelli (Kawża C-243/01), Placanica (C-338/04), Costa u Cifone (Kawżi magħquda C-72/10 u C-77/10), u Laezza (C-375/14), u fil-qasam tad-diskriminazzjoni fiskali, b'mod partikolari, is-sentenzi Lindman (C-42/02), Il-Kummissjoni vs Spanja (C-153/08) u Blanco u Fabretti (Kawżi magħquda C-344/13 u C-367/13), u l-prinċipji ta' ugw'aljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni previsti fid-dritt tal-Unjoni, anki fid-dawl tas-sentenza tal-Corte Costituzionale (il-Qorti Kostituzzjonali) tat-23 ta' Jannar 2018, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik Taljana inkwistjoni, li tipprevedi li huma biss l-intermedjarji nazzjonali li jittrażmettu data ta' logħob fisem operaturi ta' mħatri stabbiliti fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea li għandhom, b'mod partikolari, il-karatteristiċi tal-kumpannija Stanleybet Malta Ltd, u mhux l-intermedjarji nazzjonali li jittrażmettu data ta' logħob fisem operaturi ta' mħatri konċessjonarji tal-Istat li jwettqu l-istess attività, li għandhom ikunu suġġetti għat-Taxxa Unika fuq l-Imħatri u fuq il-Kompetizzjonijiet ta' Tbasir prevista fl-Artikoli 1 sa 3 tad-Digriet Leġiżlattiv tat-23 ta' Diċembru 1998 Nru 504, kif emendati bl-Artikolu 1(66)(b) tal-Liġi Finanzjarja tal-2011.
- 3) L-Artikoli 52, 56 *et seq* tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-qasam tas-servizzi tal-logħob u tal-imħatri u l-prinċipji ta' ugw'aljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni, anki fid-dawl tas-sentenza tal-Corte Costituzionale (il-Qorti Kostituzzjonali) tat-23 ta' Jannar 2018, jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik Taljana prevista fl-Artikolu 1(644)(g) tal-Liġi 190/2014, li timponi fuq l-intermedjarji nazzjonali li jittrażmettu data ta' logħob fisem operaturi ta' mħatri stabbiliti fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea li għandhom, b'mod partikolari, il-karatteristiċi tal-kumpannija Stanleybet Malta Ltd., u eventwalment, fuq l-istess operaturi ta' mħatri *in solidum* mal-intermedjarji nazzjonali tagħhom, l-obbligu li jħallsu t-Taxxa Unika fuq l-Imħatri prevista fid-Digriet Leġiżlattiv Nru 504/1998 fuq bażi taxxabbli b'rata fissa li hija ekwivalenti għat-tripplu tal-medja tal-ġbir imwettaq fil-provinċja fejn jinsab in-negozju jew il-punt ta' ġbir, kif miksuba mid-data rreġistrata mit-totalizzatur nazzjonali għal-perijodu taxxabbli preċedenti għal dak ta' riferiment.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale Amministrativo Regionale per il Lazio (l-Italja) fit-12 ta' Diċembru 2018 – AQ *et vs* Corte dei Conti *et*

(Kawża C-789/18)

(2019/C 112/30)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Tribunale Amministrativo Regionale per il Lazio